KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 18**

**It-Tlieta, 12 t'Awwissu 2025**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-18:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Hadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Tlieta (3)

**18.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**18.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**18.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 17)**

**18.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 17.

**18.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, il-minuti ta' seduta 17 ġew approvati unanimament.

**18.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**18.03.01** *Ġieħ Birżebbuġa trophy + Joe Baldacchino Lifetime Achievement Award plaque*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li nġabret kwotazzjoni għal trofew u plakka li se jingħataw f'Jum Birżebbuġa. Il-kwotazzjoni miġbura hija mingħand l-istess supplier tas-soltu billi l-plakka kienet ordnata mingħandu u għalhekk trid tiġi emendata għandu stess. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €97.94. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**18.03.02** *Plakek 3D printed għal Jum Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li dis-sena se nagħmlu 3D tokens sabiex jingħataw lil kull min se jieħu rikonoxximent. Inġabru 3 kwotazzjonijiet għal 8 tokens żgħar, bl-orħos waħda tkun dik A, li tammonta għal €176 għat-tmien tokens. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**18.03.03** *Folk band għal Jum Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni mingħand folk band Għawdxija. Din tammonta għal €885. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**18.03.04** *Preparament tal-iskript u preżentazzjoni għall-quddiesa ta' Jum Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għall-preparament tal-iskript u preżentazzjoni għall-quddiesa u l-attività ta' wara marbuta mal-ġurnata ta' Jum Birżebbuġa, li se ssir fis-16 ta' Settembru. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €100. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**18.03.05** *Preparament tal-iskript u preżentazzjoni għal Jum Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 2 kwotazzjonijiet għall-preparament tal-iskript u preżentazzjoni minn 2 persuni għal Jum Birżebbuġa, li se ssir fl-20 ta' Settembru. Dawn il-kwotazzjonijiet jammontaw għal €530. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dawn il-kwotazzjonijiet.

**18.03.06** *Loġistika għal Jum Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal-loġistika ta' Jum Birżebbuġa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €4,917.06. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**18.03.07** *Loġistika għar-riċeviment ta' Jum Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għar-riċeviment ta' Jum Birżebbuġa. L-orħos kwotazzjoni

kienet dik A, li tammonta għal €3,663.90. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

## 18.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

*Hawnhekk ingħaqdet il-Kunsilliera Rohasia Zammit.*

**18.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-attività ta' Festa Bengħajsa hija pjanata li ssir fit-3 ta' Mejju 2026. Semma wkoll li din se tkun qed tiġi mxandra live fuq TVM.

**18.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jagħti aġġornament fuq ix-xogħlijiet tat-toroq. Huwa beda billi qal li Triq Birżebbuġa se titkompla fi żmien ġimagħtejn u se tingħalaq il-biċċa ta' fuq. Din għandha titlesta sat-tielet ġimgħa ta' Settembru. Semma li rigward il-main, li jgħaqqad it-tarf ta' Triq Birżebbuġa max-xatt, għad m'għandniex informazzjoni. Fir-rigward tal-Bajja s-Sabiħa, hu flimkien mas-Sindku Scott Camilleri, reġgħu saħqu sabiex ikollna data għat-tieni laqgħa li aktarx se tingħata wara l-festa ta' Santa Marija. Semma wkoll li fir-rigward tal-istorm water tan-naħa ta' Triq Tal-Ġebel ix-xogħol miexi b'ritmu tajjeb.

**18.04.03** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li għadu għaddej ix-xogħol tat-twaħħil taċ-charging pillars. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi semma li apparti dawk li saru, qed jiġu suġġeriti li jsiru 2 parkeġġi oħra fi Triq San Tumas u 2 f'Misraħ Tal-Pajtier (wara l-knisja eżatt). Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, ġie deċiż li t-tnejn suġġeriti f'Misraħ Tal-Pajtier jiġu rifjutati u minflok isiru fi Triq is-Sajjied.

**18.04.04** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li fi Triq Birżebbuġa hemm gallarija perikoluża. Huwa mar l-għassa u ngħata numru tar-rapport li kien sar kif ukoll qalulu li għandu jiġi l-perit tal-Gvern jiċċekkja. Meta staqsa jekk kienx ġie l-perit, dawn ma kellhomx risposta. Il-Kunsillier Alex Caruana bagħat l-ilment lis-CEO tal-BCA u dan tal-aħħar wieġeb lura billi qallu li s-sid ta' din il-gallarija jrid jibdel it-tip ta' scaffolding. Meta l-Kunsillier Alex Caruana staqsieh jekk hux se jkellmu lis-sid huma, dan tħalla bla risposta. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, ġie deċiż li jintbagħat ilment uffiċjali min-naħa tal-Kunsill.

**18.04.05** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li rigward Sqaq Ta' Salvun huwa tkellem ma' IM. Dan is-sqaq kien wieħed mill-erbgħa li kellhom isiru mill-fondi Ewropej. Semma li meta kien ċempel, madwar 3 xhur ilu, kienu qalulu li dan ma jistax isir għalissa billi l-kuntratturi tagħhom għandhom ħafna xogħol. Din il-ġimgħa reġa' ċempel u did-darba qalulu li hemmhekk hemm xi illegalitajiet u għalhekk mhumiex se jagħmluh u sabiex jieħu ħsieb jagħmlu l-Kunsill. Il-Kunsillier Alex Caruana weġibhom li l-Kunsill mhux se jieħu din ir-responsabbiltà u baqa' mingħajr risposta. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li trid tintbagħat korrispondenza b'mod formali mill-Kunsill.

**18.04.06** Il-Kunsillier Alex Caruana semma l-problema tal-ħamiem billi diversi nies ċemplu l-Kunsill kif ukoll lilu dirett. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li l-ebda Kunsill m'għandu awtorità biex japplika għall-qtil tal-ħamiem. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa' jkellem l-AKL sabiex terġa' ssir l-isterile feed. Min-naħa tar-Reġjun s'issa m'hemmx soluzzjoni.

**18.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-monti fejn qal li għal dawn il-ġimagħtejn li ġejjin il-monti se jkun armat fi Triq Żaren Dalli. Hekk kif jibda x-xogħol fil-parti ta' fuq ta' Triq Birżebbuġa dan se jerġa' jibda jarma fil-parti tal-pjazza.

**18.04.08** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li fl-aħħar seduta kien semma li fil-Bajja s-Sabiħa twaħħlu t-tabelli biex jitnaqqas l-aċċess ta' vetturi li jidħlu fil-promenade. Huwa semma li fil-parti ta' fejn hemm il-konkos, min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar qed tidher li din hija triq skedata u għalhekk se jkollhom isiru tabelli ġodda u traffic management differenti. Huwa ssuġġerixxa li nitkellmu ma' TM sabiex ituna parir ta' kif dan jista' jsir u talab lill-Kunsillier Alex Caruana u l-Kunsillier Ivan Abela Grech sabiex iħejju pjan ta' x'jista' jsir.

**18.04.09** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hu flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana ltaqgħu mal-perit rigward ir-road hump li tinsab Triq il-Kartaġiniżi ma' Triq il-Port Ħieles u Triq Ta' Feliċjan fejn min-naħa tagħhom qed jitkellmu mal-Public Works biex jaraw il-possibbiltà tal-istorm water. Min-naħa tal-Kunsill intalab li IM jieħdu over il-proġett tat-twessigħ ta' Triq ir-Raddiena kemm jista' jkun malajr. Dawn se jippruvaw jgħaqqdu dan il-proġett ma' dak tal-istorm water.

**18.04.10** Is-Sindku Scott Camilleri semma li filgħodu ġie avviċinat min-naħa tal-MPT rigward il-bus stop li ntalbet fi Triq Għar Ħasan ma' Triq ir-Ranzija billi qed tgħaddi tal-linja u m'hemmx bus stop. Huma talbuh il-coordinates u bagħtilhom kollox fl-istess jum. Rigward ir-rotta 82A se ssir talba uffiċjali lill-Ministru s-Sur Chris Bonett sabiex jaċċettaw li din ir-rotta titla' Ħal Far sakemm jitlestew ix-xogħlijiet ta' Triq il-Port Ħieles.

**18.04.11** Is-Sindku Scott Camilleri semma li wara li ġie konkluż it-tender tal-car park, inbeda l-proċess biex jiġu ffirmati l-garanziji bankarji u jsir il-kuntratt. Fil-kuntratt hemm numru ta' klawżoli fosthom li l-obbligu huwa li l-kuntrattur se jkun qed jieħu ħsieb livell 0 u 1, il-ħinijiet tar-residenti bil-whitelist u għalhekk bħala Kunsill irid jibda l-proċess sabiex jinġabru n-number plates tar-residenti. Il-ħinijiet tal-parkeġġ bla ħlas għar-residenti huwa bejn is-18:00 u t-08:00 għal 50 karozza kuljum, hekk kif kien miftiehem bejn il-membri tal-Kunsill. Fil-ħinijiet l-oħra, il-parkeġġ se jkun bil-ħlas. Ġie deċiż ukoll li jiġi suġġerit lill-kuntrattur li jkun hemm rata vantaġġuża għar-residenti li jixtiequ jipparkjaw billejl (night rate) wara li jkunu mtlew il-50 parkeġġ bla ħlas għar-residenti. Semma li bħala proċess ta' handover se jdum madwar xahrejn billi hemm xi laqgħat tekniċi li jridu jsiru. Spjega li saret laqgħa mal-kuntrattur, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u l-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit, fejn ġie spjegat kollox. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit sabiex fil-kuntratt tniżżel li r-rati tal-parkeġġ jistgħu jinbidlu wara 3 xhur matul l-ewwel sena u sabiex min ikun attenda għal xi attività, jew żar xi restorant fil-lokal, ikollu rata speċjali. Huwa ssuġġerixxa li jekk jiġu installati xi vending machines, il-kuntrattur ikun infurmat li jrid ikun hemm l-approvazzjoni tal-Freeport dwar dawn u fejn se jitpoġġew; dan hekk kif il-Kunsill Lokali għandu ftehim mal-Freeport li wkoll irid jonora. Semma wkoll li qabel jitwaħħlu riklami trid issir approvazzjoni mill-Kunsill Lokali u l-Freeport. Il-kuntrattur xtaq ukoll li joffri servizz ta' car wash. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir car wash ladarba jitħalla n-nadif u ma jkunx hemm periklu. Anke dwar il-car wash irid ikun hemm diskussjoni u approvazzjoni tal-Freeport. Il-kuntrattur talab ukoll li jkun hemm 5 parkeġġi għal karozzi tal-kiri sabiex jiġu mikrija minn hemm. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, ġie deċiż li din it-talba għandha terġa' tiġi diskussa wara

l-ewwel 3 xhur li l-kuntrattur ikun qiegħed jopera dan il-parkeġġ. Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jdawwar din id-deċiżjoni jekk l-operat ma jkunx wieħed li l-Kunsill Lokali jara li għandu jkompli. Rigward ħlas tal-kirja, dan irid isir bil-quddiem. Iżda ġie deċiż li għall-ewwel sena l-kuntrattur jingħata l-possibbiltà li jħallas kull 3 xhur. Is-Sindku Scott Camilleri tenna li se ssir verżjoni aġġornata bil-punti li ssemmew fil-laqgħa, jintbagħtu lill-kuntrattur, isir l-iffirmar u nipproċedu għall-kuntratt. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

## 18.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**18.05.01** Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mistoqsija dwar ħsarat fil-bankini. Huwa semma li minn żmien għal żmien ikollna rapport ta' bankini mkissra; ħafna minnhom wara xogħlijiet fuq il-binjiet ta' quddiemhom. Huwa xtaq ikun jaf eżatt xi proċeduri qed jieħu l-Kunsill biex jaċċerta ruħu li dawn jissewwew malajr u jsiru kif suppost. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Kunsill Lokali jimxi skont il-proċeduri stabbiliti mill-Awtorità tal-Ippjanar. Meta l-perit tal-iżviluppatur jagħmel talba biex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja, huwa jippreżenta wkoll rapport ta' wara l-kostruzzjoni (post-construction report). Wara dan, il-Kunsill iwettaq żjara sabiex jevalwa l-istat tas-sit. Matul din l-ispezzjoni, jittieħdu wkoll xi ritratti li jservu ta' prova dwar il-kundizzjoni tal-bankina u l-inħawi ta' madwarha. Ibbażat fuq dak li jiġi osservat waqt l-ispezzjoni kif ukoll fuq l-informazzjoni provduta fir-rapport, il-Kunsill jiddeċiedi jekk għandux jirrilaxxa l-garanzija bankarja jew le.

## 18.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

*Fis-19:30 il-Kunsillier Alex Caruana ġie skużat mil-laqgħa.*

**18.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Lulju 2025.

**18.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li ftit tal-ġimgħat ilu l-Kunsill ħareġ sejħa għall-pubbliku inġenerali billi ma kienx hemm il-bżonn li l-proċess jibda mill-bidu għax ma kinitx għaddiet sena mis-sejħa li ħarġet qabilha. Minn dawn kien hemm tnejn eliġibbli bir-rekwiżiti stabbiliti. Il-bord tal-intervisti se jkun kompost mis-Sindku Scott Camilleri, mill-Kunsillier Darren Mark Debono, mis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell. Is-segretarja tal-bord se tkun Eleanor Manicaro. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ta aġġornament ukoll dwar is-sejħa fi skala 16, li din għad trid tgħaddi mill-proċess tal-JobsPlus.

**18.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li ntbagħtulna 2 ħaddiema assenjati ġodda mal-Kunsill li se jkunu qed jagħmlu xogħol manwali.

## 18.07 Korrispondenza

**18.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza minn residenta f'isem numru ta' residenti u nies oħra li jużaw iż-żona ta' Triq iż-Żebbuġ, fejn talbet sabiex din iż-żona tiġi rranġata u fiha jingħata ftit konkos taħt il-bankina n-naħa ta' Triq il-Gżira biex tindika li wieħed jista' jidħol jipparkja mingħajr ma jaqla' multa. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li nirreferu għall-pjanti approvati bil-parking bays u tintbagħat talba lil

TM għal permess temporanju biex isir parkeġġ organizzat. Wara li jkollna tweġiba se jiġu infurmati r-residenti.

**18.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza sabiex titneħħa u tiġi rilokata disabled parking bay minn quddiem dar ta' resident fi Triq Birżebbuġa. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, ġie maqbul li din tista' titmexxa billi x-xogħol fuq l-istorm water tlesta. Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex il-Kunsill japplika għar-rilokazzjoni ta' din id-disability parking bay.

**18.07.03** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li rċivejna korrispondenza mingħand residenta sabiex tinkoraġġixxi lill-Kunsill jagħmel zebra crossing fi Triq iż-Żibra billi din saret traffikuża u għalhekk hija ta' periklu għan-nies. Il-kunsilliera preżenti qablu li ssir zebra crossing, għalhekk is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex inkellmu l-perit ħalli naraw fejn trid tiġi u din tkun tista' tapplika għaliha.

**18.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mir-Reġjun fejn infurmawna li l-president kellu xi laqgħat dwar il-bdil tal-ħinijiet għall-ġbir tal-iskart, għalhekk talbuna iktar informazzjoni, fosthom jekk il-Kunsill jippreferix jibqa' l-istess ħin jew jinbidilx għal filgħaxija, nagħtu raġuni/jiet għal din id-deċiżjoni, ngħidulhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi jekk il-ġbir jibda jsir filgħaxija, u problemi oħra li forsi jista' jiffaċċja l-Kunsill jekk issir din il-bidla. B'hekk jgħaddu din l-informazzjoni lill-entitajiet konċernati. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, il-Kunsill ma qabilx li jinbidlu l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart għax b'hekk se jinħolqu iktar problemi.

**18.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Viċi Sindku Josette Busuttil bagħtet korrispondenza fejn qalet li ltaqgħet ma' familja li tħobb tinżel tgħum u li għandha tfal bi sfidi fil-mobilità. Dawn ġibdulha l-attenzjoni li qed isibu diffikultà kbira biex jinżlu u jitilgħu minħabba li l-art mhux qiegħda tajba u lanqas hemm handrail. Huma esprimew ix-xewqa li jsir xi tibdil biex jinħoloq aċċess aktar sikur u komdu, bħal pereżempju ssir rampa jew simenta temporanja. Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex issir talba mis-sistema lil Public Works.

**18.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li billi saru t-tabelli li ma jistgħux jidħlu vetturi fuq il-bajja, meta jsiru l-attivitajiet l-organizzaturi jkunu jridu jinżlu bl-apparat. Għalhekk, is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ħadem fuq dikjarazzjoni għal permess sabiex jingħata l-aċċess bil-vettura fiż-żona sabiex min se jinżel irid iżomm responsabbiltà tal-vettura u jkollhom kopja tad-dikjarazzjoni biex meta jkun hemm uffiċjal tal-pulizija jew LESA dan ma jiġix imħarrek. Il-Kunsillier Ivan Abela Grech issuġġerixxa li fuq id-dikjarazzjoni ssir ukoll firma u timbru tal-Kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-dikjarazzjoni.

## 18.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**18.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni u/jew rakkomandazzjoni.

**18.09 Servizz t'accountant**

*Fit-20:00 l-Kunsillier Ivan Abela Grech ġie skużat mil-laqgħa.*

**18.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar is-servizz tal-accountant tal-Kunsill. Fl-2015 il-Kunsill ta' dak iż-żmien kien ħareġ Call for Quotation għas-servizz ta' accountant, li kienet intrebħet mill-istess accountant li għandna sal-ġurnata tal-lum. Huwa semma li billi l-ammont kemm tax-xogħol u kif ukoll l-ispiża tiegħu żdiedet minn meta ħareġ 'l hawn, issa wasal iż-żmien li jinħareġ tender ġdid. Huwa fakkar li l-Kunsill għandu t-tenders kollha aġġornati u li kien fadal dan biss. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu li jinħareġ dan it-tender.

**18.10 Jum Birżebbuġa 2025**

**18.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li nhar it-Tnejn, 18 t'Awwissu, se ssir il-laqgħa interna rigward Jum Birżebbuġa u fiha se jiġu diskussi n-nominazzjonijiet li jkunu daħlu. In-nominazzjonijiet se jagħlqu l-Ħadd, 17 t'Awwissu, u t-Tlieta, 19 t'Awwissu se jitilgħu n-nominazzjonijiet fil-laqgħa quddiem il-Kunsill u jiġu diskussi f'kull kategorija separatament.

**18.10.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-attività tal-20 ta' Settembru, li kien pjanat li jsir f'Tal-Papa, issa se jsir fi Ġnien l-Indipendenza. Għalhekk kemm l-attività tas-16 ta' Settembru kif ukoll dik tal-20 ta' Settembru se jsiru fl-istess post. L-attività se tingħata bidu fis-19:30. Se tiġi bbukkjata wkoll is-sala tal-iskola bħala plan B.

**18.11 Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti BLC/T/02/2025**

**18.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-irħas tender għall-photocopier tal-uffiċċju ġie €10,685.62 għal 4 snin. Dan ġie approvat unanimament.

**18.12 Bye-laws**

**18.12.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-avukat li kien qed jieħu ħsieb il-bye-laws tal-karavans u l-ħamiem baqa' ma wiġibx avolja ngħata deadline sal-aħħar ta' Lulju. Huwa talab gwida dwar il-pass li jmiss. Ġie suġġerit biex nitkellmu ma' min jassistina fit-tenders sabiex naraw jistgħux jassistu f'dan il-qasam. Jekk ma jistgħux, se nsibu avukat ieħor.

**18.13 Attivitajiet u skemi**

**18.13.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ta spjegazzjoni dwar il-laqgħa online li attenda tal-GAL Xlokk. Huwa spjega li nħarġu 2 skemi ġodda u li huma miftuħa għall-organizzazzjonijiet volontarji, SMEs, u persuni privati, u li jittrattaw temi bħal marketing ta' prodotti eżistenti, tagħlim, u riċerka dwar agrikoltura u kultura. Huwa semma li dawn ma jappartjenux il-Kunsill per se iżda jixtieq li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-għaqdiet. Huwa għandu jagħmel kuntatt mal-għaqdiet.

**18.13.02** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar l-iskemi:

1. <u>SPI/SCI/2/2024 – Aqua Fitness Sessions</u>
   - Dawn is-sessjonijiet għaddejjin bħalissa u kien hemm feedback tajjeb.

## 18.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**18.14.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty cash:*

**18.14.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondat mill-Kunsillier Darren Mark Debono, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 18.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**18.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 19 t'Awwissu 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 9 ta' Settembru 2025.**

**IFFIRMATA**

____________________

**Scott Camilleri**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

____________________

**Jordy Brincat**
*Segretarju Eżekuttiv*